MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 886/2003

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

vs

**Antoine DEBATTISTA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 t'Awissu, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 9 ta' Marzu 2001 (Dok. "A") is-soċjeta' attriċi kkonċediet "Loan Faciity" lill-konvenut Antoine Debattista;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Antoine Debattista fis-somma ta' ħamest elef, mija u tletin liri maltin u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm5,130.94) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Antoine Debattista mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien ma' l-

imgħax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 9 ta' Marzu, 2001 fuq imsemmija (Dok. "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Antoine Debattista (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenut Antoine Debattista li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi u b'hekk il-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f'daqqa;

Illi l-konvenut ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Settembru, 2002 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "C", sabiex iħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata (Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Antoine Debattista (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenut Antoine Debattista li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi;

2. Tikkundanna lil Antoine Debattista jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħamest elef, mija u tletin liri maltin u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm5,130.94) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Antoine Debattista mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien ma' l-

imgħax ulterjuri mill-1 t’April, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 19 ta’ Settembru, 2002 u tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati kif imiss;

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-1 t’April, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------